A.L. 60 ta' l-1996

ATT DWAR L-EDUKAZZJONI
(KAP. 327)

Regolamenti ta' l-1996 dwar Kundizzjonijiet Minimi Nazzjonali għal Skejjel li Jgħallmu l-Ingliż bħala Lsien Barrani

BIS-SAHHA tas-setgħat mogħtija bl-artikolu 47 ta' l-Att dwar l-Edukazzjoni, il-Ministru ta' l-Edukazzjoni u Riżorsi Umani għamel dawn ir-regolamenti li ġejjin:—

1. (1) Dawn ir-regolamenti jistgħu jissejħu r-Regolamenti ta' l-1996 dwar Kundizzjonijiet Minimi Nazzjonali għal Skejjel li Jgħallmu l-Ingliż bħala Lsien Barrani. Titolu u bidu fis-seħħ.

(2) Dawn ir-regolamenti għandhom jibdew iseħħu fil-jum li jiġi minnufih wara l-pubblikazzjoni tagħhom fil-Gazzetta, iżda dawk l-iskejjel li tkun inħarġitilhom liċenza skond l-Att qabel id-data tal-pubblikazzjoni ta' dawn ir-regolamenti għandhom jenħtieġu li jħarsu d-dispożizzjonijiet ta' dawn ir-regolamenti mhux iktar tard mill-31 ta' Mejju, 1997.

2. F'dawn ir-regolamenti, ħlief għat-tifsiriet hawn iktar 'il quddiem mogħtija, il-kliem u l-frażijiet għandu jkollhom l-istess tifsir mogħti lilhom fl-Att:— Tifsir.

"Assoċjazzjoni" tfisser assoċjazzjoni ta' skejjel li jgħallmu l-Ingliż bħala lsien barrani li fil-fehma tal-Ministru —

(a) tirrappreżenta dak l-għadd ta' skejjel li jkunu matul is-sena li tkun ġiet minnufih qabel, taw servizz lill-akbar għadd ta' studenti; u

(b) tkun stabbiliet għall-iskejjel assoċjati magħha dawk il-linji ta' prinċipju li jkollhom l-għan li jassiguraw livelli akkademiċi li għall-inqas ikunu jħarsu l-ħtiġiet ta' dawn ir-regolamenti;

"Att" tfisser l-Att dwar l-Edukazzjoni; Kap. 327.

"Bord" tfisser il-Bord ta' Sorveljanza mwaqqaf bir-regolament 5 ta' dawn ir-regolamenti;

"Ministru" tfisser il-Ministru responsabbli għall-edukazzjoni;

"pakkett li jinkludi kollox" tfisser it-tagħlim irranġat minn qabel ġewwa Skola li mill-anqas jitlaqqa' ma' xi servizz mhux akkademiku ieħor imsemmi hawn aktar 'il quddiem, meta dan jiġi offrut minn Skola, sew bi prezz inklużiv jew separatament, u meta dak il-pakkett ikun ikopri perijodu ta' iktar minn erbgħa w għoxrin siegħa, ikun jinkludi wkoll —

(a) akkommodazzjoni jew alloġġ ta' kull xorta;

(b) servizzi oħra li mhumiex anċillari għall-akkommodazzjoni u ekwivalenti mill-anqas għal kwart mill-ħin dedikat għat-tagħlim inkluż fil-pakkett;

"servizz mhux akkademiku" tfisser kull servizz provdut minn Skola bħala parti minn pakkett li jinkludi kollox minbarra għal dak li hu tagħlim;

"Skola" tfisser skola skond ma jitfisser fl-Att, li jkollha bħala attività prinċipali tagħha t-tagħlim ta' l-Ingliż bħala lsien barrani.

Għan.

3. L-għan ta' dawn ir-regolamenti hu sabiex jippreskrivi kundizzjonijiet minimi nazzjonali għal dawk l-iskejjel li l-attività prinċipali tagħhom hi li jorganizzaw korsijiet għat-tagħlim ta' l-Ingliż bħala lsien barrani lil studenti li ma jkunux ċittadini ta' Malta.

Kundizzjonijiet minimi nazzjonali.

4. (1) Il-kundizzjonijiet minimi nazzjonali għall-Iskejjel kollha għall-għanijiet ta' l-artikolu 7 ta' l-Att huma dawk stabbiliti fl-Iskeda li tinsab ma' dawn ir-regolamenti.

(2) Hlief għal dawk l-Iskejjel li jkollhom liċenza debitament maħruġa taħt l-Att u li jkunu jħarsu d-dispożizzjonijiet ta' dawn ir-regolamenti, ħadd ma jista' b'xi mod li jkun jindika jew iqieghed lilu nnifsu bħala li għandu liċenza jew approvazzjoni tal-Ministru, jew li juża kliem li jkunu juru l-istess ħaġa f'xi kartolerija, *brochure* jew dokument ieħor.

A.L. 150 ta' l-1990.

(3) Id-dispożizzjonijiet tar-Regolamenti ta' l-1990 li jistabilixxu l-Kondizzjonijiet Minimi Nazzjonali għall-Iskejjel Kollha, ma għandhomx jibqgħu japplikaw għal dawk l-iskejjel fejn isir it-tagħlim ta' l-Ingliż bħala lsien barrani b'effett mill-bidu fis-seħħ ta' dawn ir-regolamenti.

Bord ta' Sorveljanza.

5. (1) Għandu jitwaqqaf Bord, li jkun magħruf bħala Bord ta' Sorveljanza, li jkollu dawk il-funzjonijiet u s-setgħat li hemm stabbiliti fil-paragrafi (5) u (6) ta' dan ir-regolament.

(2) Il-Bord jintgħamel minn sitt membri li jinħatru kif ġej:

(a) *Chairperson* u membru wieħed ieħor li jinħatar mill-Ministru;

(b) membru li jinħatar mill-Ministru responsabbli għat-turismu;

(ċ) membru li jinħatar mir-Rettur ta' l-Università ta' Malta;

(d) membru li jinħatar mill-Assoċjazzjoni;

(e) membru li jiġi elett minn fost kapijiet ta' skola li jkollhom liċenza.

(3) Il-Bord għandu jinħatar għal perijodu ta' mhux aktar minn sentejn.

(4) Qabel ma ssir l-ewwel laqgħa tal-Bord, iċ-*Chairperson* u t-tlett membri l-oħra maħtura skond is-subparagrafi (b) u (ċ) tal-paragrafu (2) tar-regolament 5 ta' dawn ir-regolamenti, għandhom ilaqqgħu il-kapijiet ta' kull Skola li jkollha liċenza sabiex jeleġġu lil dak il-membru tal-Bord li għandu jiġi elett skond is-subparagrafu (e) tal-paragrafu (2) tar-regolament 5 ta' dawn ir-regolamenti. Din il-laqgħa għandha titlaqqa' fi żmien xahrejn mill-ħatra taċ-*Chairperson*.

(5) Il-Bord ikollu dawn il-funzjonijiet li ġejjin:—

(a) li jagħti parir lill-Ministru dwar il-ħruġ ta' liċenzi, il-kundizzjonijiet tal-ħruġ u r-revoka tagħhom;

(b) li jissorvelja l-Iskejjel li jħarsu d-dispożizzjonijiet ta' l-Att, il-kundizzjonijiet tal-liċenza u ta' dawn ir-regolamenti, u li jirrelata dwar dan lill-Ministru;

(ċ) li jirrakkomanda lill-Ministru dawk il-miżuri li l-Bord jista' jqis xierqa li jittieħdu kontra kull Skola li tikser id-dispożizzjonijiet ta' l-Att, tal-kundizzjonijiet tal-liċenza u ta' dawn ir-regolamenti;

(d) b'mod ġenerali li jagħti parir u jagħmel rakkomandazzjonijiet lill-Ministru dwar kull ħaġa li tolqot dawk l-Iskejjel; u

(e) li jwettaq dawk il-funzjonijiet l-oħra li l-Ministru jista' jistabbilixxi minn żmien għal żmien.

(6) Mingħajr preġudizzju għall-jeddijiet tal-Ministru skond l-Att, il-Bord ikollu dawk is-setgħat u kull awtorità li jistgħu jenħtieġu għat-twettiq sew minnu ta' xi wieħed jew kull wieħed mill-funzjonijiet stabbiliti fil-paragrafu (5) ta' dan ir-regolament. Mingħajr preġudizzju għal dak imsemmi qabel is-setgħat tal-Bord għandhom jinkludu s-setgħa li jagħmel investigazzjonijiet u spezzjonijiet ta' Skejjel u li jagħmel intervisti ma' kull min ikollu x'jaqsam mat-tmexxija ta' xi Skola bil-għan li jissorvelja u jwettaq it-tħaris tad-dispożizzjonijiet ta' l-Att, tal-kundizzjonijiet tal-liċenza u ta' dawn ir-regolamenti, u li jirrelataw dwar dan lill-Ministru.

Pakkett li jinkludi kollox.

6. L-Iskejjel kollha għandhom iħarsu d-dispożizzjonijiet stabbiliti fit-Taqsimiet A u B ta' l-Iskeda li tinsab ma' dawn ir-regolamenti. Dawk l-Iskejjel li jipprovdu pakkett li jinkludi kollox għandhom, minbarra li jħarsu t-Taqsimiet A u B ta' l-Iskeda, iħarsu kif ukoll jimxu skond il-kundizzjonijiet minimi stabbiliti fit-Taqsima Ċ ta' l-Iskeda li tinsab ma' dawn ir-regolamenti.

Pakkett turistiku.

7. Ebda skola ma għandha tipprovdi t-tagħlim bħala parti mill-pakkett turistiku offert, organizzat jew mod ieħor avvanzat minn xi ħadd kemm-il darba dik l-Iskola ma tkunx qegħda twettaq xi kuntratt bil-miktub magħmul ma' dik il-persuna. Dak il-kuntratt għandu jkun jipprovdi li dik il-persuna għandha twettaq dawk il-miżuri u tuteli għall-ħarsien u l-benesseri ġenerali ta' studenti li jkunu għadhom m'għalqux it-tmintax-il sena, liema miżuri u tuteli għandhom mill-inqas ikunu daqs dawk li l-Iskola nnifisha kienet twettaq li kieku kienet l-istess Skola li kienet qed tipprovdi pakkett li jinkludi kollox.

Reati u pieni.

8. Kap ta' Skola li jikser, jew jonqos milli jħares xi dispożizzjoni ta' dawn ir-regolamenti, ikun ħati ta' kontravvenzjoni u jeħel, meta jinsab ħati, piena ta' mhux iżjed minn mitejn lira u piena addizzjonali ta' għaxar liri għal kull ġurnata li matulha jkompli r-reat fil-każ ta' reat kontinwu.

SKEDA

(Regolament 6)

TAQSIMA A AKKOMMODAZZJONI FIL-KLASSI

1. Il-bini ta' l-Iskola għandu:

(a) jkun f'kundizzjoni strutturali tajba u jkun imżejjen sew;

(b) jkun ventilat sew u arjuż, protett mis-shana, mill-kesħa u l-umdità u mdawwal sew;

(ċ) jkun dejjem nadif, ikun konformi ma' kull regolament sanitarju dwar il-bini tal-iskejjel, u ssirlu manutenzjoni regolari;

(d) jkun ħieles minn kull periklu għall-persuna u għas-saħħa, u jkollu sinjali biżżejjed ta' minn fejn wieħed jista' joħroġ f'każ ta' ħruq kif ukoll tagħmir biżżejjed biex jitfi n-nar;

(e) jkollu għadd biżżejjed ta' klassijiet biex ikun hemm akkommodazzjoni tajba għall-istudenti kollha li jiġu aċċettati fl-Iskola f'kull waqt.

2. Il-Kapijiet ta' l-Iskejjel għandhom jagħtu lil kull persuna li tiġi hekk awtorizzata mid-Direttur Ġenerali ta' l-Edukazzjoni li jispezzjona lil xi Skola, kull kooperazzjoni u għajnuna li tista' skond il-liġi hekk tenħtieġ minn dik il-persuna. L-Iskejjel tista' wkoll issirilhom spezzjoni mill-ispetturi tas-saħħa f'kull żmien, u dawn għandhom iħarsu dawk l-istruzzjonijiet leġittimi li jingħataw minn dawk l-ispetturi. L-ispezzjonijiet jistgħu wkoll isiru minn, u fuq talba tal-Bord ta' Sorveljanza, f'liema każ dak l-uffiċjal tad-Dipartiment ta' l-Edukazzjoni li jkun qed jagħmel l-ispezzjoni għandu jwassal kopja tar-rapport fuq l-ispezzjoni liċ-*Chairperson* tal-Bord tramite d-Direttur Ġenerali ta' l-Edukazzjoni.

3. Il-klassijiet għandu jkollhom dawk il-qisien u jkun hemm ġewwa fihom dik l-għamara li tkun tiżgura li kull student li jkun ġie akkomodat fihom ikollu fejn ikun jista' joqgħod bilqegħda u jikteb b'mod komdu. L-iskrivaniji, s-siġġijiet, l-imwejjed u kull għamara oħra għandhom ikunu fi stat ta' manutenzjoni tajba u għandhom jagħtu lok li jkun hemm flessibilità fil-medda tal-klassi.

4. Il-klassijiet għandhom ikunu mgħammra sew b'kull *teaching aid* skond id-daqs tal-klassi u l-livelli ta' tagħlim. Kull klassi għandu mill-inqas ikollha *board* u/jew xi mezz ieħor ta' turija grafika li tkun kbira biżżejjed għal dik il-klassi u li titqiegħed f'pożizzjoni li jkunu jistgħu jarawha l-istudenti kollha.

5. Kull klassi għandu jkollha dħul indipendenti.

6. L-iskejjel għandhom jipprovdu żoni komuni adegwati u aċċessibbli, li jkunu adatti fid-daqs skond l-għadd sħiħ ta' studenti li jkun hemm fi ħdan l-Iskola f'kull waqt. Iż-żoni komuni għandhom ukoll jipprovdu faċilitajiet xierqa għall-akkommodazzjoni ta' studenti matul il-ħin tal-*break* u l-istudenti għandu jkollhom aċċess għalihom bejn lezzjoni w oħra.

7. Il-faċilitajiet tat-toilette u dawk sanitarji għandhom jiġu approvati mill-awtoritajiet tas-saħħa kompetenti. Dawk il-faċilitajiet għandom ikunu skond l-għadd sħiħ ta' studenti li jkun hemm fil-bini tal-Iskola f'kull waqt. Faċilitajiet ta' toilette separati għall-irġiel u għan-nisa għandhom jiġu provduti bir-rata ta' toilette għal kull 50 student. Il-persunal ta' dawk li jgħallmu u persunal ieħor għandu jkollhom it-toilette u l-faċilitajiet sanitarji separati tagħhom. Kull toilette u faċilità sanitarja għandhom ikunu nodfa u iġjeniċi.

8. Kull deskrizzjoni miktuba u/jew tpinġija grafika, inkluża kull xbiha fotografika jew b'kull mezz ieħor, li jkunu użati biex iġibu 'l quddiem, jagħtu pubbliċità jew jiddeskrivu l-faċilitajiet ta' l-Iskola, għandhom ikunu xbiha ta' l-Iskola u tal-faċilitajiet tagħha fidila u preċiża u għandha tkun taqbel ma' l-istat veritier ta' l-Iskola, tal-klassijiet u taż-żoni komuni li jkunu qegħdin jiġu deskritti, impinġija jew murija.

9. Kull deskrizzjoni jew xbiha li jkollhom skop li jagħmlu pubbliċità, iġibu 'l quddiem jew ibiegħu is-servizzi u l-faċilitajiet, inklużi *teaching aids*, materjal ta' tagħlim, klassijiet, tagħmir, faċilitajiet audio-viżivi u audio-lingwali ta' l-Iskola, għandhom ikunu deskrizzjoni jew xbiha fidila u preċiża tas-servizzi u faċilitajiet attwalment provduti minn dik l-Iskola.

TAQSIMA B PERSUNAL AKKADEMIKU

1. **Direttur ta' l-Istudji.**

1.1 Kap ta' Skola għandu jaħtar Direttur ta' l-Istudji li jkollu responsabbiltà sħiħa fuq kull ħaġa akkademika ta' l-Iskola. Ħlief għad-dispożizzjonijiet tar-regolament 1.3 li hemm hawn iktar 'il quddiem, ebda ħaġa msemmija f'din id-dispożizzjoni ma għandha tipprojbixxi lil Kap ta' Skola milli jagħmilha ta' Direttur ta' l-Istudji.

1.2 Kull min jinħatar biex jagħmilha ta' Direttur ta' l-Istudji għandu jkollu dik il-ħatra fuq bażi esklusiva, u fi żmien definit ikun jista' jagħmilha biss ta' tali direttur fi Skola waħda biss.

1.3 Id-Direttur ta' l-Istudji jkollu l-kwalifiki hawn iktar 'il quddiem stabbiliti, b'dan li kull min fid-data tad-dħul fis-seħħ ta' dawn ir-regolamenti jkun wettaq il-funzjonijiet ta' Direttur ta' l-Istudji, jew ikun okkupa kariga ekwivalenti, tkun kif tkun deskritta din il-kariga, f'xi Skola għal żmien mhux interrott ta' ħames snin, u jkollu l-kwalifiki hawn aktar 'il quddiem stabbiliti fil-paragrafi (a), (b) u (ċ), jew kwalifika terzjarja ekwivalenti fl-Ingliż mogħtija minn istituzzjoni rikonoxxuta, għandu jitqies bħala li jkollu l-kwalifiki meħtieġa. Il-kwalifiki huma dawn li ġejjin:

(a) *Warrant* ta' għalliem permanenti;

(b) minimu ta' 1,000 siegħa tagħlim ta' l-Ingliż bħala lsien barrani;

(ċ) *first degree* fl-Ingliż maħruġ minn Università rikonoxxuta;

(d) kwalifika għat-tagħlim ta' l-Ingliż bħala lsien barrani, sew f'livell fejn jinħareġ ċertifikat, jew f'livell ogħla, ta' istituzzjoni rikonoxxuta.

1.4. Id-Direttur tal-Istudji jkun responsabbli għall-amministrazzjoni ta' kuljum ta' l-Iskola u għall-affarijiet akkademiċi kollha ta' l-Iskola. Id-Direttur ta' l-Istudji għandu jkun preżenti fi ħdan l-Iskola f'kull waqt meta jkunu qed isiru l-korsijiet. Mingħajr preġudizzju għall-ġeneralità ta' dak imsemmi qabel, id-dmirijiet u r-responsabbiltajiet tad-Direttur ta' l-Istudji għandhom jinkludu:

(a) it-tfassil u t-twettiq tal-kors;

(b) il-preparazzjoni ta' kull test ta' kollokament u finali u l-ħruġ ta' ċertifikati;

(ċ) ir-reklutaġġ u t-taħriġ *in-service* li jsir ta' l-għalliema;

(d) li jiġu stabbiliti u jinżammu livelli akkademiċi minimi;

(e) il-benesseri akkademiku ta' l-istudenti u ta' l-għalliema;

(f) iż-żamma sew ta' rassenja ta' attendenza ta' l-istudenti;

(ġ) li jikkoordina bejn l-Iskola u d-Dipartiment ta' l-Edukazzjoni dwar ħwejjeġ akkademiċi;

(ħ) li jħares kull ħtieġa fuqu imposta li jirrelata li tista' leġittimament minnu tintalab minn żmien għal żmien mid-Dipartiment ta' l-Edukazzjoni b'mod preċiż u fi żmien stipulat; u

(i) li jħares kull liġi u regolament li jkunu japplikaw dwar dan.

2. **Għalliema**

2.1 Ebda Skola m'għandha timpjega jew mod ieħor tqabbad għalliema li ma jkollhomx il-kwalifiki minimi stabbiliti b'dawn ir-regolamenti.

2.2 Il-kwalifiki minimi għall-għalliema huma dawn li ġejjin:

L-għalliema:

(a) għandhom ikunu għalqu t-tmintax-il sena;

(b) għandu jkollhom *warrant* ta' għalliem permanenti/temporanju;

(ċ) għandu jkollhom ċertifikat f'Livell Avvanzat fl-Ingliż bi grad C jew aħjar minn hekk;

(d) għandhom ikunu għamlu b'suċċess kors ta' dħul fil-metodoloġija tat-tagħlim ta' l-Ingliż bħala lsien barrani, kif approvat mill-Ministru fuq ir-rakkomandazzjoni tal-Bord.

2.3 Kull min ikollu mill-inqas ħames snin ta' esperjenza mhux interrotta fit-tagħlim ta' l-Ingliż bħala lsien barrani qabel ma jidħlu fis-seħħ dawn ir-regolamenti għandu jitqies bħala li jissodisfa l-ħtieġa ta' kwalifika skond il-paragrafu 2.2 (ċ) ta' hawn aktar qabel.

2.4 Skola tista', skond ma jidhirlu d-Direttur ta' l-Istudji, tqabbad is-servizzi ta' nies speċjalizzati sabiex dawn jagħtu lezzjonijiet ta' l-Ingliż għal Għanijiet Speċifiċi jew f'suġġetti speċjalizzati. Min jiġi hekk imqabbad m'għandux, għall-għanijiet ta' dawn ir-regolamenti, jitqies li jagħmel sehem mill-persunal ta' l-għalliema ta' l-Iskola u ma jkunx meħtieġ li jkollu l-ħtiġiet stabbiliti fil-paragrafu 2.2 (b), (ċ) u (d) ta' hawn aktar qabel. Minkejja dak li ntqal qabel id-Direttur ta' l-Istudji jkollu r-responsabbiltà li jiżgura li kull min jiġi hekk imqabbad ikun jista' jiggarantixxi livell sodisfaċenti ta' Ingliż mitkellem u ta' tagħlim f'dak il-qasam speċjalizzat, u li dik il-persuna tkun kwalifikata fil-qasam speċjalizzat li jirrigwarda dawk il-lezzjonijiet. Dawk il-persuni għandhom jaħdmu flimkien mal-persunal tat-tagħlim regolari biss kemm-il darba dan ikun jenħtieġ minħabba fil-lezzjonijiet f'dak il-qasam speċjalizzat.

3. **Ċertifikati**

3.1 L-Iskejjel għandhom joħorġu ċertifikat ta' attendenza, li jkun iġib il-firma tad-Direttur tal-Istudji, għal kull student u dan ikun juri x'kien it-titlu u l-livell tal-kors li jkun għamel, flimkien mad-dati tal-attendenza u l-għadd ta' siegħat li dak l-istudent ikun fil-fatt attenda matulhom.

3.2 Meta student ikun speċifikament hekk jeħtieġ, Skola għandha toħroġ skritt dwar il-kors li jfassal x'kienu l-oqsma jew is-suġġetti trattati matul il-kors, kif ukoll x'kienet il-profiċjenza miksuba minn dak l-istudent.

TAQSIMA Ċ AFFARIJIET MHUX AKKADEMIĊI

1. Dawk l-Iskejjel li jkunu joffru servizzi mhux akkademiċi lill-istudenti bħala parti minn pakkett li jinkludi kollox għandhom jaħtru Amministratur li jkollu responsabbiltà shiħa għas-servizzi mhux akkademiċi kollha offerti mill-Iskola. L-Amministratur jista' jkun l-istess persuna maħtura bħala Direttur ta' l-Istudji, f'liema każ dik il-persuna għandha b'żieda ma' dmirijietha bħala Direttur ta' l-Istudji, jkollha wkoll ir-responsabbiltajiet ta' Amministratur.

2. Id-dmirijiet u r-responsabbiltajiet ta' Amministratur jistgħu jiġu fdati lil Bord ta' Amministrazzjoni, f'liema każ ir-responsabbiltajiet ta' Amministratur ikunu kollettivament vestiti fil-membri kollha tal-Bord ta' Amministrazzjoni.

3. Sew jekk is-servizzi mhux akkademiċi provduti mill-Iskola jkunu qegħdin hekk jingħataw direttament mill-Iskola jew tramite aġenti jew sub-appaltaturi, l-Iskola għandha tibqa' responsabbli għall-għoti ta' dawk is-servizzi u l-Amministratur għandu jiżgura li s-servizzi mhux akkademiċi li setgħu ġew offerti f'pakkett li jinkludi kollox jiġu effettivament provduti f'livelli li jkunu skond ma soltu jsir fl-għoti ta' dawk is-servizzi u b'mod konformi ma' l-obbligi kontrattwali relattivi.

4. Id-dmirijiet u r-responsabbiltajiet ta' Amministratur għal servizzi mhux akkademiċi għandhom ikunu jinkludu dan li ġej:

4.1 l-għoti ta' servizz ta' pariri u ta' tagħrif lil studenti matul is-sigħat tal-iskola normali;

4.2 li jikkoordina l-affarijiet ma' kull persuna jew enti li permezz tagħhom l-Iskola tkun tipprovdi akkommodazzjoni jew alloġġ għall-istudent;

4.3 li jikkoordina l-affarijiet ma' kull persuna jew enti li permezz tagħhom l-Iskola tkun tipprovdi arranġamenti ta' trasport, rikreazzjoni, divertiment u attivitajiet kulturali f'Malta;

4.4 fil-każ ta' studenti li jkunu għadhom ma għalqux it-tmintax-il sena:

(a) li ssirilhom superviżjoni adegwata f'dawk l-attivitajiet li jistgħu jiġu organizzati mill-Iskola minn żmien għal żmien;

(b) l-għoti ta' servizz ta' emerġenza matul 24 siegħa lil mexxeja ta' studenti, aġenziji u awtoritajiet kompetenti u lil dawk l-istudenti meta jkun hemm minorenni li jkunu qegħdin jivvjaġġaw waħedhom mingħajr ħadd ma jmexxihom;

(ċ) li jittieħdu dawk il-miżuri li jistgħu jenħtieġu sabiex jiġi tutelat il-benesseri ġenerali ta' l-istudenti matul iż-żjara tagħhom f'Malta;

4.5 l-approvazzjoni ta' faċilitajiet għall-ikel u alloġġ u sabiex jiġi żgurat li dawk il-faċilitajiet ikunu sewwasew dak li kien ġie offrut lill-istudenti bħala parti mill-pakkett li jinkludi kollox;

4.6 l-iskrutinar tal-permessi u awtorizzazzjonijiet meħtieġa minn kull sub-appaltatur/aġent jew persuni oħra li jkunu qegħdin jagħtu xi servizz lill-istudenti f'isem l-Iskola;

4.7 li jiżgura li kull deskrizzjoni jew xbiha magħmula mill-Iskola li tkun intiża jew magħmula bil-għan li jinbiegħu, jiġu pubbliċizzati jew xort'oħra jingħiebu 'l quddiem is-servizzi mhux akkademiċi offruti mill-Iskola, tkun deskrizzjoni jew xbieha fidila u preċiża tas-servizzi u faċilitajiet effettivament provduti.

5. L-Amministratur għandu jiżgura li l-Iskola thares ir-regolamenti kollha li għandhom x'jaqsmu ma' l-impieg ta' persuni hekk kif dawn jolqtu lill-impjegati kollha ta' l-Iskola.